MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Talba Numru. 661/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Saviour Farrugia (ID 429848M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ecepixxiet illi:-

Il-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€431.26c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizzi ta kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51030279 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkat Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C51030279 u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 u Dok IZY5 – kopja t'ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 u risposta ghall-istess.

Illi l-konvenut gie nterpellata sabiex ihallas izda baqa` nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 04 ta' Dicembru, 2012 fejn il-konvenut eccepixxa illi:-

Ghal habta t'Ottubru, 2010 il-mobile tieghi bin-numru 79822514 gie kkonfiskat mill-Pulizija ghal-skop t'investigazzjoni. Jiena mmedjatament mort f'ufficcju tal-Mobisle Communications Limited (GO Mobile) fejn infurmajt lill-impjegata li qdietni b'dak li ghadni kemm ghidt. Jiena tlabt lil din il-persuna biex in-numru tal-mobile li semmejt 79822514 jigi sospiz immedjatament u li ninghata numru tal-mobile gdid. Fil-fatt hekk sar. Dak inhar jiena ssaldajt kwalsiasi bilanc fil-

kont tan-numru tal-mobile antik. Nikkonferma li hekk sar u ghalhekk is-somma pretiza mis-Socjeta' attrici m'hiex dovuta.

It-Tribunal ra l-atti u ra l-verbal tat-28 t' Ottubru, 2014 wara diversi seduti fejn il-konvenut ma deherx biex jressaq il-provi dwar il-kontestazzjoni tieghu 'ntlahqet it-talba biex tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi gie prezentat l-*istatement* indirizzat lil Saviour Farrugia tal-ammont kontestat Dok IZY 1 [1] li juri l-ammont ta' erbgha mija u wiehed u tletin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€431.26c). Gie prezentat ukoll ftehim datat 22 ta' Frar, 2010 f'isem Saviour Farrugia bl-indirizz ghall-service ta' mobile *pay as you go monthly.* Mill-*i*statement jidher illi l-perjodu li ghalih qed titlob il-hlas is-Socjeta' konvenuta hija bejn 01 ta' Settembru, 2010 sal-04 ta' Novembru, 2011.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut hekk kif indikat fir-riposta huwa illi l-mobile tal-konvenut gie konfiskat ghall-skop ta' investigazzjoni tal-Pulizija. Dan immedjatament mar l-ufficju ta' GO Mobile u n-numru tal-mobile 79822514 gie sospiz u nghata numru iehor. Skont dak iddikjarat fir-risposta huwa kien hallas kull ammont dovut fuq in-nurmu antik. Illi gie ipprezentat "Dok SF2" li juri li l-

[1] A fol 2 tal-process

mobile gie elevat mill-Pulizija fl-24 ta' Novembru, 2010. Gie prezentat "Dok SF2" li juri rendikont datat 11 ta' Frar, 2011 b'ammont ghall-konsum fil-perjodu tax-xahar t' Ottubru, 2010, pero spjegazzjoni ta' dan ma nghatatx. Illi ma gietx prezentata ebda prova ohra da parti tal-konvenut li juri li hallas il-kontijiet tal-mobile antik, lanqas ricevuti.

Ghalhekk in vista tal-premess u fin-nuqqas ta' provi prodotti mill-konvenut biex jikorrobora r-riposta tieghu, jirrizulta ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li l-ammont mitlub ghandu jithallas.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici fis-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€431.26c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba fl-avviz sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------